# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru sebgħa u tletin (37) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru, 2009 fis-6:40pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku, **Noel Galea ippreseda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Inqraw il-**minuti tas-seduta preċedenti** mis-Segretarju Eżekuttiv u dawn ġew koreġġuti, approvati u ffirmati.

3. Is-sindku ta diversi dettalji dwar il-**mawra** tiegħu ma' diversi uffiċjali tal-GAL Xlokk (*Local Action Group*) **fir-reġjun tal-Pulja, fl-Italja**. Hu qal li din kienet waħda interessanti u l-fondi ivvutati mill-Unjoni Ewropeja biex isir titjib hemmehekk, ilaħħqu għal €300 miljun. Hu qal li dawn l-*LAG*s raw kif jaħdem is-settur privat flimkien mas-settur pubbliku, f'dawk li għandhom x'jaqsmu snajjiet li kienu qed imajnaw fil-popolarità tagħhom, kif ukoll oħrajn li għadhom jibqgħu popolari bħal dak li għandu x'jaqsam mal-għasir tal-għeneb f'inbid. Permezz tal-*LAGs*, f'dan ir-reġjun, inħolqu skemi imfassla fuq *standards* Ewropej biex per eżempju f'razzett, issir kċina kummerċjali li permezz tagħha jagħmlu l-għaġin. Il-fondi jingħataw biex wieħed jagħmel titjib ta' dak li diġà jeżisti ħalli jkun megħjun is-settur privat, biex igawdu l-impjiegi u t-turiżmu. Minbarra d-dwieli, hu semma s-siġar taż-żebbuġ u l-prodotti li jieħdu minnhom bħaż-żejt taż-żebbuġa u l-baqar għall-ħalib u l-prodotti tagħhom. Hu qal li l-investiment kien f'bini ta' ġibjuni kbar għall-ħażna tal-ilma u anke tagħmir għall-filtraġġ tal-ilma biex jinħoloq dak li hu deskritt bħala agri-turiżmu. Noel Galea qal li fir-reġjun tal-Pulja biss, hemm ħamsa u għoxrin *Local Action Group.*

4. Kien diskuss il-***Quiz* li kien organizzat mill-KLM** f'Jum l-Imqabba, għas-sitt klassi (fuq parir mill-iskola, dan ma kienx miftuħ għall-istudenti tal-ħames klassi). Dan il-*quiz* ħadmet fuqu Grace Marie Mallia flimkien mal-għalliema tat-tfal, Ms Rebecca Tabone (għaliex fis-sitt klassi hemm biss klassi waħda ta' sittax-il student) li dawn inqasmu f'żewġ gruppi. Għad-domanda tas-sindku, għaliex dan ma sarx it-Tlieta, 20 ta' Ottubru, 2009 kif kien propost, Grace Marie Mallia qalet li l-Kap tal-Iskola nfurmata li fl-istess post li kien se jkun organizzat il-*quiz*, kellu jkun hemm votazzjoni tal-Kunsill Skolastiku. Dwar il-*curriculum* tal-Iskola Primarja intqal illi s-suġġett tal-kunsilli lokali jiġi mgħallem fil-ħames sena. Noel Galea talab lil Grace Marie Mallia kopja tal-mistoqsijiet li saru lit-tfal tal-iskola li għamlithom Grace Marie Mallia dak in-nhar akkumpanjata mill-Iskrivana Valerie Galea. Grace Marie Mallia qalet li kopja ta' dawn il-mistoqsijiet ħallietha mal-Iskrivana Valerie Galea.

5. **Il-KLM kien diżappuntat bl-aħbar li l-ET il-President ta' Malta ħassar iż-żjara** tiegħu ftit siegħat biss qabel ma kien se jżurna fl-Imqabba, għaliex kien indispost. Peress li d-direttivi mogħtija mis-sindku fil-programm ta' Ġieħ l-Imqabba 2009, is-Sibt filgħaxija, permezz tal-preżentatriċi, kienu li se nkomplu miexja fuq il-programm avżat, kif fil-fatt sar, is-segretarju eżekuttiv staqsa jekk kemm-il darba jiġi l-ET il-President, aħniex se nsegwu l-istess programm.

Dwar dan wieħed irid jiddiskuti għaliex fil-fatt, oriġinalment, l-istess ET il-President lanqas ma kien se jżur lill-każini tal-banda u 'l dak tal-futbol. Madankollu l-KLM ma jafx jekk fil-frattemp kienx hemm xi talba minn xi każin biex fil-mawra tiegħu, hu jżurhom.

6. Dwar it-**tberik tal-annimali**, s-sindku qal li din l-attività kienet bidu tajjeb għalina lkoll, kemm mill-att parteċipattiv kif ukoll għal dak organizzattiv. Hu qal li din wara kollox qatt ma saret fil-lokalità tagħna.

7. Kien hemm diskussjoni dwar il-**premju Ġieh l-Imqabba**. Nicholas Briffa qal li tajjeb li fl-avviż tal-fuljett fejn jitħabbar il-premju, tkun ċara li min jinnomina għandu jkollu raġunijiet suffiċjenti biżżejjed li l-persuna tkun ħadmet għar-raħal. Dwar il-premju innifsu intqal illi jinħtieġ li tingħata xi medalja prestiġjuża minkejja l-limitazzjonijiet finanzjarji li għandna; u dan isir kull sena dejjem l-istess u mhux sempliċiment *token* li jinxtara *off the shelf*. Nicholas Briffa qal, issa li temmejna l-obbligi tagħna u fl-ewwel sena daqqet banda u din is-sena, fit-tieni, daqqet oħra, wieħed għandu jerġa' jikkunsidra l-verità, li meta tkun se ddoqq banda, jiġu għall-programm biss il-partitarji ta' dik il-banda. Hu staqsa jekk għandniex indaħħlu l-każini f'Jum l-Imqabba jew le? Hawn is-Sindku semma' li ser jipproponi li tingħaqad banda waħda komposta miż-żewġ soċjetajiet li fil-fehma tiegħu għandhom il-kapaċità li dan il-pass jintlaħaq ukoll.

8. Is-segretarju eżekuttiv semma l-**ilmenti li kien hemm minn membri tal-Kumitat tal-Banda fil-programm ta' Jum l-Imqabba.** Hu qal li s-Soċjetà Santa Marija kienet mitluba li tagħtina id-dettalji lil min se nistiednu bħalma ġara is-sena l-oħra mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Il-KLM minn naħa tiegħu ma naqqas l-ebda *full stop* minn dan, għajr għall-*VIPs* li bażikament huma l-Membri Parlamentari u li m'għandhomx ikunu mistiedna, skond ir-regoli li għandna, iżda wara kollox ħadd ma kien se jżommhom milli jiġu mal-popolin. Wara kollox għal din is-serata kull min xtaq jiġi ġie u l-problema kienet li numru ta' mistednin, la ġew u lanqas avżaw li ma' kienux se jiġu.

9. Paul Spiteri irrimarka fuq l-**attività tat-2 t'Ottubru 2009**. Hu qal li din għad hawn min jaħseb li din kienet parti mill-programm fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba.

10. Għall-kummenti ta' xi kunsillieri li ***"issa għadda kollox"*** u għalhekk l-uffiċċju issa hu pjuttost kwiet, is-segretarju eżekuttiv qal li fil-fatt għadu ma ntemmx kollox għaliex bħal issa qed naħlu ħafna enerġija minħabba t-titqibiet tal-influwenza, deħlin fiż-żmien li fih normalment jinħlew ħafna ħinijiet fuq riżorsi umani fil-*party* tal-Milied u fakkar li biex inlaħħqu l-fuljett tal-Milied fil-ħin, irridu naħdmu minn issa biex ma jiġrix kif ġara fil-programm ta' Jum l-Imqabba li ħafna mill-attivitajiet jidhru bil-kelma 'Saret' fuqu.

11. Il-kunsillieri tal-KLM qablu mas-suġġeriment tas-sindku li l-KLM jorganizza l-**lezzjonijiet fil-Malti u l-Ingliż bażiku** għas-spejjeż tiegħu, wara li ma mlejniex klassi u d-diviżjoni tal-Edukazzjoni ma tridx li torganizzahom hi għax dehrilha li mhux se jkun vijabbli. Is-segretarju eżekuttiv qal li ma jistax wieħed jaqbad u japprova spiża li taqbeż l-€1706 mingħajr ma joħroġ l-avviż għall-kwotazzjonijiet fil-gazzetta *The Independent* permezz tad-Direttur ITSD. Għaldaqstant hu ingħata l-approvazzjoni biex jipproċedi b'dan. Biex il-parteċipanti jibqgħu jattendu, dawn se jkunu mitluba jħallsu €50 depożitu li jintilef f'każ illi ma jattendux għal mill-inqas 90% tal-lezzjonijiet.

12. Dwar l-attività tat-2 ta' Ottubru, 2009, intqal li biex inkunu nistgħu napplikaw fuq il-forumlarju tal-***Youth in Action Programm*e** irridu naħdmu fuq *workshop* li jikkumplimenta mal-istess attività fuq tema abbinata ma' persuni ta' nazzjonalità barranija li jgħixu hawn Malta. Hawn intqal li għandna nistiednu lill-Onor Dr Carm Mifsud Bonnici u lil Dr Michael Falzon u possibilment ninvolvu l-

*unions*. Dan kien deċiż li jsir nhar it-28 ta' Novembru, 2009 bejn id-9:00am u nofs in-nhar fl-Isptar il-Qadim.

13. Dwar l-istabbilimenti li għandna fir-raħal u li jiġġeneraw **l-iskart,** wara li konna mitluba nibagħtu lista tagħhom lill-awtoritajiet, kien hemm diskussjoni fi ħdan il-kunsill jekk għandux jibqa' jinġabrilhom l-iskart mill-kollettur tal-KLM jew le. Dan intqal fl-isfond tal-preparamenti għall-**kuntratt il-ġdid** li hu aktar rigoruż fil-kuntest ta' separazzjoni tal-iskart.

14. Dwar l-**ingaġġ ta' skrivan/a** fil-KLM, se nagħmlu intervista lil kandidata oħra li kienet tat is-*CV* tagħha, u wara s-sindku se jippreżenta r-riżultati tal-intervisti kollha fis-seduta li jmiss fi ħdan il-KLM.

15. Dwar ***Leon Promotions*** li kien l-organizzatur ewlieni tal-attività tat-2 ta' Ottubru, 2009, is-sindku qal li wara trattattivi li kellu ma' Noel Castillo, dan naqqaslu l-kont b'€490 peress li tħassar il-kunċert. Hu qal li wieħed irid jifhem li diversi preparamenti kienu diġà saru minkejja li nqbadna bil-maltemp u kien hemm kantanti li fil-verità kienu diġà fil-lokalità tagħna lesti li jagħtu l-kontribut tagħhom.

16. Kienu approvati l-***Payment Approval Sheets* numri 357 u 358.**

17. Il-kunsillieri kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-**lista tal-korrispondenza kollha u l-ilmenti mill-aħħar seduta s'issa** u l-listi tagħha li ntbagħtu qabel il-laqgħa. Din issir biex kull min ikun irid jaqla' xi ittra jew *e-mail*, ikun jista' jagħmel dan waqt u wara s-seduta.

18. F'punti oħra Grace Marie Mallia semmiet ilment li sar ftit tal-ġimgħat ilu fi Triq tal-Mentna wara li **ilma tax-xita daħal f'*basement* u għamel ħsarat kbar**. Hawn is-sindku qal li biex insolvuha trid titbaxxa Triq Ħal Kirkop. Infatti hu sostna li din il-problema inħolqot meta żmien ilu min bena ma żammx mal-livelli ta' dak iż-żmien l-Awtorità tal-Ippjanar, u kien hemm diffikultà kbira għall-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta sabiex tibni t-triq, ftit tas-snin ilu.

19. Paul Spiteri ressaq **l-ilment tal-palm li jinħtieġ żabra fiċ-ċimiterju** tal-Imqabba. Dwar dan qabel il-laqgħa daħlet r-residenta Salvina Mifsud, li tieħu ħsieb iċ-ċimiterju għan-nom tal-Kappillan, u qalet li kienet diġà kellmet lis-segretarju eżekuttiv dalgħodu stess dwar dan. Is-segretarju eżekuttiv qal li hu rnexxielu jagħmel kuntatt mad-Direttur tal-*ELC*, Dr Cuschieri, biex dan il-palm jinżabar, però ma kellux il-kelma li dan ix-xogħol kienu se jagħmluh matul dal-jum u allura ma kienx hemm għalfejn iċempel lis-Sinjura Mifsud kif ippretendiet hi li jagħmel fil-ġurnata li ma tkunx xogħol u setgħet toqgħod magħhom.

20. Is-sindku f'punti oħra indirizza lil Grace Marie Mallia dwar l-**artiklu li deher fuq il-gazzetta l-Orizzont** bid-data ta' 17 t'Ottubru, 2009. Is-Sindku tkellem dwar dan l-artiklu fejn fl-intervisti li mexxa hu fil-preżenza tas-segretarju eżekuttiv, **biex ikun ingaġġat skrivan,** fl-ebda' ħin ma wera l-ebda arroganza, minkejja li hu verament kien qal li *"l-uffiċċju jmexxuh hu u s-segretarju eżekuttiv"* u verament tressqet talba biex il-board ikun kompost mis-Sindku u s-SE. Hu qal li jekk ikun ivverifikat li m'hemm l-ebda referenza fil-minuti għall-*e-mail* li kien bagħat is-segretarju eżekuttiv dwar il-ħtieġa ta' *accountant* flok skrivan, l-affarijiet kineu ser jieħdu pass ieħor. Hu insista, li Grace Marie Mallia jkollha tirtira kollox, għaliex qed ikunu żvelati l-affarijiet interni tal-KLM. Nicholas Briffa qal li kien semma l-*e-mail* li kien bgħat is-segretarju eżekuttiv fuq dan ir-rigward fil-laqgħa tal-kunsill, għalhekk saru pubbliċi. Dwar allegazzjonijiet mill-Kunsilliera Grace Marie Mallia, hu talabha tgħidhom jew inkella tirtira kollox. Grace Marie Mallia qalet li hu ċaħħada bħala kunsilliera li tkun involuta fl-intervisti, u dan joħroġ mill-minuti, u għalhekk kitbet lid-Direttur

għall-Gvern Lokali. Madankollu Noel Galea qal li d-Direttur qallu li ma kiser l-ebda etika b'dak li għamel. Is-Sindku kompla jgħid li dmira fil-fatt hija qed tiċħdu għax f'sena u nofs leġiżlatura għadha ma wettqet xejn fid-dekasteru tagħha. Grace Marie Mallia staqsiet lis-sindku jekk skambju kulturali eż. żgħażagħ hux fid-dekasteru tagħha. Is-sindku qal li ż-żgħażagħ jaqgħu taħt il-Kunsillier Paul Spiteri. Hawn Grace qalet li d-Direttur miegħu ser jaqbel, minkejja li hi mhux qed taqbel ma' dan.

21. Noel Galea ressaq punt ieħor fil-konfront ta' Grace Marie Mallia. Hu qal li skond il-*protocol*, meta jkun hemm xi funzjoni fil-Knisja, inkluż Jum l-Imqabba, is-**sindku dejjem joqgħod fit-tarf, fl-ewwel bank.** Għaldaqstant il-pretenzjoni ta' Grace Marie Mallia biex teħodlu postu bl-iskuża li kienet se taqra l-epistola, mhix waħda aċċettabbli. Noel Galea qal li bħala kunsilliera taqbel jew ma taqbilx għandek dejjem iġġib rispett lejn is-Sindku, speċjalment waqt funzjonijiet fejn mhux posthom kontroversji. Noel Galea semma' kif kemm meta kien hemm is-Sindku Manwel Buttigieg, u anke meta kien hemm sindku Nicholas Briffa, dejjem urejna rispett lejn xulxin għax hekk jitolbu l-affarjijet. Noel Galea kompla billi l-affarijiet għandhom jimxu skond il-proċedura u l-ebda ambizzjoni m'għandha tipprevali fuqhom. Grace Marie Mallia qalet li hi ma kellha l-ebda ambizzjoni li tieħu l-post tas-sindku. Hi qalet li dan m'għamlitux intenzjonalment. Is-segretarju eżekuttiv qal li hu ipprova jinvolvi lil kulħadd anke billi saħansitra fl-aħħar sekondi niżżel il-kalċi minn fuq l-artal għal fuq il-mejda tal-offerti, biex itellgħu il-Viċi Sindku Charles Farrugia, li tfaċċa eżatt qabel ma ħarġet il-Quddiesa. Madankollu jinħass il-bżonn ta' *usher* fil-knisja f'funzjonijiet bħal dawn, għaliex din is-sena kienet l-ewwel darba li tfaċċaw il-kumitati kollha tal-każini f'Jum l-Imqabba; probabbli għax kien ġej l-ET il-President ta' Malta, għax għal din il-Quddiesa qatt ma jintbagħtu inviti.

22. Osservanza oħra ta' Noel Galea lejn Grace Marie Mallia kienet dwar it-tberik tal-annimali. Hu qalilha li ma jistax ikun li xi ħadd jipproponi xi ħaġa li tkun barra mill-programm fl-aħħar mumenti. Infatti is-suġġeriment ta' **passiġġata bl-annimali minn fuq il-Mentna sal-Knisja Parrokkjali kienet barra minn lokha,** għax il-ftehim ma kienx hekk mal-parteċipanti.

23. Twiddiba oħra li saret lil Grace Marie Mallia mis-sindku kienet dwar *e-mails* li hi bagħtet lis-segretarju eżekuttiv. Hu qal li dawn kellhom ikunu ċirkulati lejn il-kunsillieri kollha, la l-kontenut tagħhom jinteressa l-Kunsill kollu. Hu semma fost l-oħrajn l-*e-mail* li bagħtet biex fil-programm tas-Serata Ġieħ l-Imqabba jiddaħħal '*slot*' għal dawk it-tfal li kellhom jieħdu l-premju tal-*Quiz* kif ukoll biex dawn ikunu infilsati f'filliera għalihom mal-mistednin bl-invit. Grace Marie Mallia qalet li dejjem hekk sar fil-passat, u għalhekk ma kienx hemm lok li jinqala' dan kollu. Hawn is-Sindku qal li meta e-mails ikunu intbgħatu lill-kunsillieri inkluż is-Segretarju Eżekuttiv, ir-risposti għandhom ikunu wkoll, sabiex kulħadd ikun aġġornat bl-aħħar żviluppi.

24. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm u l-kunsill se jiltaqa' nhar it-Tlieta, 10, ta' Novembru, 2009.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*10 /11 /2009 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |